Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/05*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 05 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar it-Tnejn 29 ta' Lulju, 2013 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sinjura Alexandra Maria Mifsud | Kunsilliera |

**1. Talba**

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

**2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti 7-04**

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**3. Mill-Minuti 7-004**

3.01 **Paragrafu 6.04 –** Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa kien mar jara f'liema stat qegħda Triq Wied L-Għasri, il-parti fejn hemm il-ħajt imwaqqa'. Il-Kunsill qabel li għandu jsir ix-xogħol meħtieġ biex jitneħħa kull periklu. Ix-xogħol ser isir mill-ħaddiema tal-Ministeru Għal Għawdex filwaqt li minn naħa tal-Kunsill se jagħmel it-taħmil li jkun hemm bżonn u anke jinxtara l-materjal (ġebel) li jkun meħtieġ.

**4. Kwotazzjonijiet dwar assikurazzjoni**

Is-Segreatrju informa lill-Kunsill li kien ġabar diversi kwotazzjonijiet kif kien diskuss fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill. L-istimi miġbura huma ta' Elmo Insurance (€299.55 li ma jinkludix *public liability* peress li huwa limitat għal *premises risk only*), Citadel Insurance (€648.15 dwar *public liability* u €169.65 dwar Group Personal Accident għal sitt membri) u All Care Insurance Ltd (€566.50 dwar *public liability* u €165.00 dwar Group Personal Accident għal sitt membri). Atlas Insurance u GasanMamo Insurance infurmaw lill-Kunsill li ma jagħmlux din it-tip ta' assikurazzjoni. Il-Kunsill iddiskuta dwar dawn l-istimi u qabel li għandu jaċċetta l-istima ta' AllCare Insurance

li hija l-aktar stima vantaġġjuża u skond il-ħtiġijiet tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ukoll li jagħmel l-Group Personal Accident għall-membri kollha tal-Kunsill inkluż il-ħaddiema u għalhekk trid tkun tkopri disa' membri u mhux sitta kif kien ikkwotat fl-istima. Għalhekk AllCare Insurance se jiġu ikkuntattjati sabiex issir l-assikurazzjoni u possibilment tkun tibda minn Awwissu.

## 5. Korrispondenza

5.01 Memo 14/2013 – Permessi Tal-Krejnijiet Online – Il-Kunsill iddiskuta din il-Memo u qabel li għandna nimxu mal-istruzzjonijiet mogħtija mid-Dipartiment u naplikaw mal-HSBC u BOV biex nagħmlu *merchants accounts.*

5.02 Memo 15/2013 – Użu tal-Internet Banking.

5.03 Memo 16/2013 – Kontribut Finanzjarju ta' Kunsill Lokali għal xiri ta' materjal edukattiv għall-iskejjel.

5.04 Memo 17/2013 – Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal Streaming tal-laqgħat online. – Il-Kunsill qabel li għandna napplikaw għal din l-iskema.

5.05 Memo 18/2013 – European Mobility Week – Car Free Day 2013 – Kompetizzjoni għall-Kunsilli Lokali : Clean Air – It's Your Move!

5.06 Rueben Said minn Transport Malta talab li jiltaqa' mal-Kunsill biex jiġi diskuss is-servizz ta' trasport pubbliku provdut mill-Arriva. Is-Sindku informa lill-Kunsill li din il-laqgħa saret u għaliha kien preżenti ukoll is-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sur Said ippropona li r-rotta ta' L-Għasri tingħaqad ma' dik taż-Żebbuġ u għalhekk il-karozza tal-linja tibda minn L-Għasri tmur iż-Żebbuġ u wara tibqa' sejra lejn ir-Rabat. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta. Is-Sindku informa lill-Kunsill li diġa ktibna lil Transport Malta li ma naqblux ma' din il-proposta u li s-servizz għandu jibqa' kif inhu fil-preżent.

5.07 Is-Sur u s-Sinjura Glynis Pace infurmaw lill-Kunsill li m'għandhomx dokumenti li juru li l-Kunsill kien ta l-permess biex jinbena r-reċint peress li dak in-nhar kienu għadhom ma xtrawx dik il-propjreta u għalhekk is-sid ta' qabel jista' jkun li għandu dan id-dokument. Is-Sindku ippropona li nagħtu materjal (ftit kantuni) lis-Sinjuri Pace u x-xogħol isir minn naħa tagħhom. B'hekk il-ħajt ikun jista' jitranġa u jitneħħa kull periklu. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku.

## 6. Ħlas ta' Kontijiet

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-05 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 7. Materja oħra

7.01 Is-Sindku ippropona sabiex isir sinjali sofor fi Triq Ghammar faċċata ta' Triq il-Fanal u fl-istess kantuniera issir ukoll 'Stop'. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk ser issir applikazzjoni ma' Transport Malta għall-approvazzjoni minn naħa tagħhom.

7.02 Francis Spiteri ta' 9 Triq Ta' Għammar talab biex jinbena ħajt fl-istess triq fejn għandu r-raba' peress li mhux ikun jista' jidħol bl-inġenji biex jaħdem l-istess raba'. Il-Kunsill qabel li x-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

7.03 Is-Sindku ippropona sabiex minn Triq il-Ġonna ma' jgħaddux vetturi kbar u anke isiru sinjali sofor biex ma jipparkjawx in-naħa ta' fuq. Din it-triq hija dejqa ħafna u għalhekk perikoluża. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku u għalhekk ser issir applikazzjoni ma' Transport Malta għall-approvazzjoni minn naħa tagħhom.

7.04 Il-Kunsillier Frank Formosa informa lill-Kunsill li irċieva diversi ilment dwar l-iskart li qed jinħareġ fi Triq il-Fanal f'ħin u ġranet meta ma jkunx hemm is-servizz ta' ġbir ta' skart. Dawn l-abbużi qed isiru mill-istabilimenti kummerċjali li hemm fl-istess triq. Is-Sindku informa lill-Kunsill li fil-fatt diġa kellu kuntatti mas-sidien tal-villaġġ turistiku u tal-farmhouses fejn infurmahom bil-ħinijiet ta' ġbir ta' skart. Jekk huma mhux se jużaw dan is-servizz u jikkoperaw mal-Kunsill, jittieħdu l-passi meħtieġa. Peress li dawn huma kummerċjali, il-Kunsill mhux obbligat li jiġbor l-iskart tagħhom.

7.05 Kif diġa kienu ġew avżati l-membri kollha tal-Kunsill, is-Sibt 27 ta' Lulju ġiet organizzata ħarġa għall-familja f'Malta. Għal din il-ħarġa attendew madwar erbgħin persuna.

7.06 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar ilment li kellu biex jinbena ħajt fi triq ġdida fi Triq Dun Karm Caruana. L-ilment kien sar min Noel Xerri li joqgħod fl-istess triq. Is-Sindku qal li huwa se jiltaqa' mal-Perit Saliba biex jiġi verifikat jekk il-ħajt hux responsabilta tal-Kunsill. F'każ li jkun responsabilta tal-Kunsill isir ix-xogħol meħtieġ.

7.07 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-ħaddiem Spiro Farrugia li qiegħed jaħdem taħt l-iskema tal-ETC - xogħol fil-komunita, qed jagħmel ħafna xogħol importanti madwar ir-raħal. Spiro Farrugia qed juża l-karozza tiegħu sabiex iġorr l-għodda, siment u kull ma jkollu bżonn. Il-Kunsill qabel li Spiro Farrugia għandu jingħata l-għajnuna meħtieġa sabiex ikun jista' jkompli iwettaq ix-xogħol.

7.08 Is-Sindku ippropona sabiex niltaqgħu mal-kuntrattur tat-tindif ta' toroq u titfassal skeda ta' kif għandu isir it-tindif fir-raħal. B'hekk ir-residenti inkunu nistgħu ninfurmawhom meta t-triq tagħhom tkun qed tinkines. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk aktar 'l quddiem ser issir laqgħa mal-kuntrattur konċernat.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Ġimgħa 23 ta' Awwissu, 2013 fis-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fid-9.00p.m.

| | |
|---|---|
| Av. Daniel Attard | Ruben Cassar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |